MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 516/2003

**London Services Limited**

**Vs**

**Zamtrade Limited u Ignatius Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet li permezz ta' Skrittura Privata datata 18 ta' Awissu 2000 u ffirmata bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta Zamtrade Limited, li kopja taghha hija hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A, is-socjeta' attrici kriet lis-socjeta' konvenuta Zamtrade Limited vettura tat-tip Peugeot Partner 1900 CC Diesel Commercial Van bin-numru ta' registrazzjoni GAT 401 ghal-perjodu ta' hames (5) snin, bil-kundizzjoni illi l-hlas isir permezz ta' rati mensili ta' mija u wiehed u sittin Lira Maltin (Lm161.00)

piu’ t-Taxxa tal-Valur Mizjud, kif dettaljat fl-istess Skrittura Privata;

Ippremettiet illi s-socjeta’ konvenuta Zamtrade Limited naqset milli teffettwa diversi pagamenti mensili, u ghalhekk kisret il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim, senjatament dawk indikati fil-Klawsola 4.1 ta’ l-Iskrittura Privata msemmija, u baqghet inadempjenti minkejja illi giet diversi drabi interpellata sabiex teffettwa l-pagament, anke permezz ta’ ittra ufficjali datata l-4 ta’ Marzu 2003, li kopja taghha hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. B;

Ippremettiet illi ai termini tal-Klawsola 12.1 ta’ l-Iskrittura Privata hawn fuq imsemmija, tali nuqqas ta’ hlasijiet mensili iwassal ghat-terminazzjoni tal-ftehim, u dan minghajr pregudizzju ghad-dritt tas-socjeta’ attrici illi tirreklama l-arretrati kollha, u l-hlasijiet kollha dovuti skond l-istess Skrittur Privata ghall-bqija tat-terminu ta’ l-istess ftehim, ai termini tal-Klawsola 12.5 ta’ l-istess ftehim;

Ippremettiet illi permezz ta’ ittra datata 29 ta’ April 2003, li kopja taghha hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. C, is-socjeta’ attrici itterminat formalment il-ftehim de quo ai termini tal-Klawsola 12.4 ta’ l-imsemmija Skrittura Privata;

Ippremettiet illi ghalhekk is-socjeta’ konvenuta Zamtrade Limited saret debitrici tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ sebat elef tmien mija u hamsa u disghin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (LM7895.41), ammont rapprezentanti l-hlasijiet dovuti skond il-Klawsoli 12.1 u 12.5 ta’ l-istess Skrittura Privata kif fuq premess, in kwantu ghall-ammont ta’ elfejn mitejn u tlieta u erbghin Lira Maltin u zewg centezmi (LM2334.02) arretrati dovuti in linea ta’ pagamenti mensili ghax-xhur mghoddija li baqghu ma sarux, u in kwantu ghas-somma ta’ hamest elef hames mija u wiehed u sittin Lira Maltin u disgha u tletin centezmu (LM5561.39) rapprezentanti l-hlasijiet dovuti skond il-Klawsola 12.5 ta’ l-imsemmija Skrittura Privata, u dan kif jirrizulta mir-rendikont relattiv li kopja

tieghu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok D;

Ippremettiet li l-konvenut Ignatius Zammit iffirma l-iSkrittura Privata de quo bhala garanti in solidum ghall-obbligazzjonijiet kollha assunti mis-socjeta' konvenuta Zamtrade Limited;

Ippremettiet illi minkejja l-interpellazzjonijiet su-riferiti maghmula lill-konvenuti, dawn baqghu inadempjenti;
Ippremettiet illi dan l-ammont hu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici, il-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni x'jissollevaw kontra l-pagament ta' l-istess;
Ippremettiet illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 *et seq*. Tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

Talbet ghalhekk li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:-

1. Tikkundannahom *in solidum* bejniethom illi jhallsu lis-socjeta' attrici, is-somma ta' sebat elef tmien mija u hamsa u disghin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (LM7895.41) lilha dovuta kif fuq premess u dan bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Marzu, 2003 u tal-Mandati Kawtelatorji li qed jigu pprezentati kontestwalment ma' dan l-Att, u interessi legali mid-data li fiha gie pprestat is-servizz kummercjali relattiv in kwantu ghall-ammont ta' elfejn mitejn u tlieta u erbghin Lira Maltin u zewg centezmi (LM2334.02) u mid-data tat-terminazzjoni tal-ftehim in kwantu ghall-ammont ta' hamest elef hames mija u wiehed u sittin Lira Maltin u disgha u tletin centezmu (LM5561.39), sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------